Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2016.

Appell numru: 15/2014

**Carmelo Galea** **(appellant)**

**Vs**

**Anthony Xerri** **(appellat)**

1. L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' €2,574.97, bilanc ta' prezz ghall-vettura Toyota RAV numru IBP 937 li l-konvenut xtara minghandu.

2. B'sentenza tas-16 ta' Settembru 2015, it-Tribunal laqa' t-talba limitatament ghall-hlas ta' €1,397.87 flimkien mal-imghax mill-1 ta' Jannar 2014 sad-data tal-hlas. Iddecieda wkoll li fi zmien gimgha l-intimat ghandu jhallas s-somma ta' €1,177.10 lil Jesmond Pisani, u fin-nuqqas ikun obbligat jaghti dak l-ammont lill-attur biex ihallas il-kont ta' Jesmond Pisani.

3. L-attur appella mis-sentenza, fejn l-aggravju hu li t-Tribunal ma kellux jiddeciedi li parti mill-hlas isir lil terza persuna, meta dan ma kienx il-meritu tal-kawza. Skont l-attur it-Tribunal injora l-iskrittura privata li ffirmaw il-partijiet, u ntroduca patt gdid ma' persuna ohra li m'hijiex parti fil-kawza.

4. Il-konvenut wiegeb li l-vettura li xtara kienet difettuza. Kien l-attur li kkomunika mal-mekkanik u tah l-inkarigu sabiex isiru t-tiswijiet li hemm bzonn. Ghalhekk it-Tribunal kien korrett meta qal li t-tezi tal-attur li qed jippretendi li l-konvenut ihallas minn butu ghat-tiswijiet.

5. Jirrizulta li l-vettura kellha difett u sarulha tiswijiet ghand il-mekkanik Jesmond Pisani. Hu evidenti li l-attur ma jridx ihallas ghax-xoghlijiet li kellhom isiru fil-vettura, tant hu hekk li xehed:

*"Gara li mar sab mekkanik u cempel lit-tifel tieghi. Lili ma kellimnix u rrizulta li sirt naf li l-karozza qeghda ghan certu wiehed Jesmond. U ghidtlu kif ? X'gara ? X'ma garax ? Qalli ghax it-tifel qalli ara x'fiha. It-tifel tieghi, minghajr l-ordni tieghi u gara li ghidtlu iftah ha nara x'fiha. Rega' mar dan, il-konvenut u rega' qallu l-istess. Qallu ghamel kollox gdid, kollox gdid. Imbaghad jien bdejt nghidlu l-mekkanik, ghidtlu uj, uj, uj x'ha taghmel kollox gdid u waqqaftu hemm. Irrizulta, ghidtlu l-mekkanik, ghidtlu jirrizulta wkoll li int qabel ittih il-karozza kun cert li jhallsek…. Gie fejni meta hareg il-karozza, il-konvenut, is-showroom u dik il-gurnata stess gie fejni, qalli lestejtu u ma qalli xejn hallastix jew le… Ghidtlu hallastu lill-mekkanik ? Qalli le. Ghidtlu kif ma hallastux jien ? Kwarta wara, dan cempilli qalli uj, qalli jien laqnas sa centezmu wiehed tal-ewro min jien ha nhallas. Ghidtlu kif ? Ghidtlu issa ha*

*tweggani aktar bil dan. U gara dak li gara. Li mbaghad il-mekkanik, ma nafx, ghax imbaghad jien ghidtlu kun cert li tithallas."* (fol. 27).

L-attur xehed ukoll:

*"Il-mekkanik baghat ittra lili u jien ghidtlu, oggezzjonajt u ghidtlu mill-bidunett. Kif hareg il-kont u baghatu lili jien oggezzjonajt u tajtulu lura. Ghax il-mekkanik jien ghidtlu kun cert li qabel tingabar il-karozza minghandek, tkun thallast."* (fol. 30).

6. Ghalkemm l-appellant ma jridx ihallas l-ispejjez tat-tiswija, mill-provi rrizulta li:

6.1 Kien iben l-attur li qal lill-mekkanik Jesmond Pisani biex isewwi l-vettura (ara deposizzjoni ta' Pisani). Fatt li m'huwiex kontestat. Kieku waqt ix-xoghlijiet l-attur qal lil Pisani biex jizgura li jithallas minghand il-konvenut, kif xehed l-istess attur, probabbilment Pisani ma kienx ser ikompli bit-tiswija qabel jiccara minghand min ser jithallas. Pero' mill-provi ma jirrizultax li qatt saret xi diskussjoni bejn il-mekkanik u l-kontendenti dwar min kellu jhallas ghall-ispejjez tat-tiswija.

6.2 L-istess mekkanik xehed li l-attur kien mar jara l-vettura meta kienet fil-garaxx tieghu ghat-tiswija. M'hemmx prova li l-attur waqqaf lill-mekkanik milli jompli bit-tiswija. Inoltre, lanqas mhu verosimili li l-attur qal lill-mekkanik biex jizgura li jithallas minghand il-konvenut, meta tqis li kif tlesta x-xoghol Jesmond Pisani baghat il-kont lill-attur (fol. 52). Ma jirrizultax li ntbaghat xi kont iehor lill-appellat.

6.3 Diane Pisani, mart Jesmond Pisani, xehedet li meta tat il-kont lill-attur, ikkummenta li l-kont kien gholi. Cahdet li qalilha li l-kont kellu jinghata lill-konvenut. Prova ohra li tikkontradici l-verzjoni tal-appellant.

Dawn il-fatti flimkien jaghtu lill-qorti x'tifhem li l-attur kien accetta li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Hu evidenti li kien biss meta l-attur ra l-kont li oggezzjona li jhallas u beda jsostni li l-hlas kellu jsir mill-konvenut u li kien avza lill-mekkanik b'tali fatt.

7. It-Tribunal ikkonkluda li l-vettura li l-attur biegh lill-konvenut, kienet difettuza. Konkluzjoni li l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiskartaha.

8. Fil-fehma tal-qorti t-Tribunal sab soluzzjoni prattika biex tinqata' din il-kwistjoni darba ghal dejjem. Ir-responsabbilta' ghall-hlas ghat-tiswija tal-vettura, kienet tal-attur. L-attur isostni li:

*"Permezz tas-sentenza appellata, it-tribunal gie, li ta beneficcju lil parti li mhux parti minn din il-kawza…."* (fol. 93).

Il-Qorti ma taqbilx, u hi tal-fehma li t-Tribunal ried jizgura li l-konvenut ma jispiccax ikollu jhallas il-bilanc tal-prezz kollu lill-attur, meta dan ma kienx dovut ghar-ragunijiet li ssemmew hawn fuq. Dan mehud in konsiderazzjoni

wkoll li l-appellant kien ghamilha cara li ma kienx ser ihallas lil Jesmond Pisani. F'kull kaz mill-atti jirrizulta wkoll li wara s-sentenza tat-Tribunal, il-konvenut hallas lil Jesmond Pisani u b'hekk wettaq l-ordni tat-Tribunal (ara ricevuta a fol. 89)[1]. In vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq, hu ghalhekk evidenti li l-konvenut hallas dejn tal-attur. Hlas li ghandu jitnaqqas mill-bilanc tal-prezz li kien ghadu dovut lill-attur.

**Ghaldaqstant, tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[1] Kopja tar-ricevuta tal-hlas kienet prezentata fit-23 ta' Settembru 2015, cjoe' qabel ir-rikors li pprezenta l-attur fil-5 ta' Ottubru 2015.